# IT-TIELET PARTI
# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**8 ta' Jannar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Alberto Magri B.A., LL.D.**

Albert Galea

*versus*

Richard Galea *et*

**Responsabbilità Solidali**

*Fil-kawża "Carmelo Schembri vs John A. Davies et" deċiża fl-24 ta' Ġunju 1955 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet li l-iskop animatur ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1938 (illum Kap. 104) huwa li jiġi assikurat il-ħlas tad-danni lil min isofrihom derivanti mill-kollizzjoni tal-karrozzi, u la l-attwazzjoni ta' dan l-iskop ġiet iffrustrata bi ħtija ta' l-imsejjaħ fil-kawża huwa rrenda ruħu responsabbli ta' dawk id-danni daqs li kieku kkaġunahom huwa stess direttament, u tagħhom huwa responsabbli solidalment ma' min ikkaġuna materjalment dawk id-danni.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fit-13 ta' Ottubru 1980 li permezz tagħha l-attur wara li ppremetta li fit-23 ta' Mejju 1980 f'Regional Road, kantuniera ma' Tower Street, Msida l-konvenut Richard Galea, fil-waqt li kien isuq it-*Taxi* Nru. 8,

proprjetà tal-konvenut l-ieħor John Pace, minħabba imprudenza, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ħabat mal-*Motor cycle* numru F – 1988 u kkawża lill-attur feriti fuq il-persuna u danni konsiderevoli fuq l-imsemmi *motor cycle* ta' proprjetà ta' l-istess attur; illi għall-istess inċident huwa unikament responsabbli l-istess konvenut Richard Galea, illi John Pace bħala proprjetarju ta' l-istess *Taxi* Nru. 8 kera jew b'xi mod ieħor ippermetta lill-konvenut l-ieħor Richard Galea jinqeda bl-istess *taxi* bla ma din kienet koperta jew altrimenti bi ksur tal-polza ta' assikurazzjoni (skond kif tallega l-assikurazzjoni ta' l-istess John Pace); illi konsegwentement l-istess John Pace għandu jiġi ritenut solidalment responsabbli flimkien mal-konvenut l-ieħor Richard Galea għad-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi inċident; **talab:**

1. li l-konvenuti jiġu minn din il-Qorti ddikjarati unikament u solidalment responsabbli għad-danni sofferti mill-attur fl-inċident tat-23 ta' Mejju 1980 fuq riferit;

2. li jiġu llikwidati d-danni f'każ ta' bżonn permezz ta' periti nominandi;

3. li jiġu kkundannati solidalment iħallsu lill-attur dik is-somma li tiġi hekk illikwidata in linea ta' danni sofferti mill-attur kif intqal fuq u għar-raġunijiet premessi;

Bl-imgħax u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffċijali ta' l-14 ta' Ġunju 1980, kontra l-konvenuti minn issa inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Richard Galea ppreżentata fil-31 ta' Ottubru 1980 fejn eċċepixxa li l-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni ma ġarax ħtija tiegħu imma ħtija ta' nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut Galea;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut John Pace ppreżentata fil-5 ta' Novembru 1980 li biha eċċepixxa:

1. Illi huwa ma għandu l-ebda responsabbilità għall-inċident *de quo;*

2. Illi huwa ma kienx jaf lill-konvenut Richard Galea iżda afda l-karozza f'idejn missier l-għarusa ta' l-istess Galea li kien kopert regolarment b'assikurazzjoni;

3. Illi l-konvenut l-ieħor Richard Galea assuma responsabbilità ad esklużjoni tal-konvenut Pace f'każ ta' eventwali responsabbilità;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut Pace;

Rat id-digriet tagħha ta' l-ewwel ta' Lulju 1981 li permezz tiegħu nħatar bħala Perit Legali l-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' *l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;*

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Mejju 1982 li permezz tiegħu nħatar il-Professur Dr. Victor Griffiths biex jassisti l-istess Perit

Legali għall-finijiet ta' l-allegata debilità permanenti;

Rat ir-rapport tal-Periti nnominati li ġie maħluf fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 1992;

Rat ukoll il-verbal ta' l-udjenza ta' l-14 ta' Diċembru 1992, għal meta l-kawża kienet imħollija għat-trattazzjoni, u, wara li semgħet lid-difensur ta' l-attur, il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għas-seduta tal-lum *stante* li l-konvenuti u d-difensuri tagħhom ma attendewx;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Għalhekk ma hemmx dubju li l-konvenut Galea kien responsabbli għall-inċident billi naqas li jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji qabel ma ħareġ fuq triq prinċipali u bis-sewqan tiegħu mblokka l-karreġġjata ta' l-attur u kkawża l-inċident;

*Omissis;*

Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-inċident in kwistjoni kien unikament tort tal-konvenut Galea;

*Omissis;*

L-attur ma ressaq ebda oġġezzjoni dwar il-mod kif ġew illikwidati d-danni jew dwar l-istess *quantum*. Da parti tal-konvenuti dawn ma attendewx fid-data meta kellha ssir it-

trattazzjoni u għalhekk ma għamlu ebda sottomissjoni. Il-Qorti wara li rat il-mod kif il-Perit Legali wasal għall-konklużjonijiet tiegħu taqbel kompletament mar-raġunijiet esposti fil-perizja u għalhekk tadotta l-konklużjonijiet ta' l-istess perit legali u *tikkonferma l-ammont* illikwidat;

Ikkunsidrat:

Dwar it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut Pace l-perit legali wasal għall-konklużjoni li dan ma jistax jiġi ddikjarat *responsabbli solidalment mal-konvenut Galea għad-danni sofferti* mill-attur u dana in mankanza ta' provi konkreti;

L-attur qed isostni illi l-konvenut Pace, bħala proprjetarju tat-*Taxi* Nru. 8, kera jew b'xi mod ieħor ippermetta lill-konvenut l-ieħor Richard Galea jinqeda bl-istess *Taxi* bla ma kienet koperta jew altrimenti bi ksur tal-polza tas-sigurtà. Konsegwentement l-istess John Pace għandu jiġi ritenut solidalment responsabbli flimkien mal-konvenut Galea għad-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi inċdient;

L-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta dwar l-assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-riskji ta' terzi persuni jippreskrivi li "ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew jħalli lill-persuna oħra tuża vettura tal-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza";

In sostenn tat-talba tiegħu l-attur għamel referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-24 ta' Ġunju 1955 fil-kawża "Carmelo Schembri *vs* John A. Davies *et*". F'dik is-

sentenza l-Qorti, b'mod konċiż u ċar, irriteniet li "billi l-iskop animatur ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939 (illum Kap. 104) huwa li jiġi assikurat il-ħlas tad-danni lil min isofrihom, derivanti mill-kollizzjoni tal-karrozzi, u la l-attwazzjoni ta' dan l-iskop ġiet iffrustrata bi ħtija ta' l-imsejjaħ fil-kawża (fil-każ in eżami l-konvenut Pace) huwa rrenda ruħu responsabbli ta' dawk id-danni daqs li kieku kkaġunhom huwa stess direttament, u tagħhom huwa responsabbli solidalment ma' min ikkaġuna materjalment dawk id-danni";

Għalhekk, biex il-konvenut Pace jiġi miżmum responsabbli solidalment mal-konvenut Galea, irid jiġi stabbilit jekk kienx jaf li l-vettura kienet qed tinsaq minn persuna li ma kinitx koperta bl-assikurazzjoni fuq l-istess vettura u li konsegwentement bl-aġir tiegħu ġiet iffrustrata l-attwazzjoni ta' l-iskop animatur tal-Kap. 104;

Issa mhux ikkontestat li t-*Taxi* Nru. 8 li kien isuq il-konvenut Galea fil-mument ta' l-inċident, kienet proprjetà ta' l-istess Pace. Din kienet mikrija minn żmien qabel l-inċident lill-ċertu Francis Borg, missier l-għarusa tal-konvenut Galea, iżda kienet tintuża minn Galea. Borg, dak iż-żmien u anke llum, kien l-Awstralja. Galea xehed li hu rranġa l-karozza u ħareġ biha;

Pace xehed li hu ma kienx jaf li t-*taxi* kienet f'idejn Galea. Biss lil dan Galea kien rah il-*garage* meta mar hemm ma' Borg. Qatt ma ra lil Galea jsuq it-*taxi*;

Din ix-xiehda ta' Pace donna teżonerah mill-obbligu ta' ħlas tad-danni lill-attur a termini ta' l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104. Biss il-Qorti, f'każi simili, trid teżamina ċ-ċirkostanzi kollha biex jiġi stabbilit jekk dik ix-xiehda hijiex ta' min joqgħod fuqha;

Irriżulta li Borg, li kien kera t-*taxi*, kien fiż-żminijiet ta' l-inċident jinsab l-Awstralja. Ma rriżultax jekk Pace kien jaf b'dan il-fatt iżda meta ġie infurmat bl-inċident minn Galea ma kienx sorpriż u sempliċement mar fuq il-post u anke l-isptar u argumenta mal-pulizija dwar ir-responsabbilitá għall-akkadut in difesa ta' l-istess Galea. Il-Qorti kienet tistenna li għal anqas kien jikkummenta mal-Pulizija dwar id-dispjaċir tiegħu li t-*taxi* kienet qed tinsaq minn persuna differenti minn dik lil min kien kriha. Mhux talli ma ġarax dan, talli għall-kuntrarju hu ntrabat ma' P.S. Pirotta li "hu kien lest iħallas għall-ħsara li kienet ġrat". Minn dan il-Qorti tifhem li l-konvenut Pace kien a konoxxenza ta' dak li kien qed isir u li Galea kien qiegħed isuq it-*taxi* bil-kunsens espress tiegħu;

L-iskrittura tal-15 ta' Novembru 1980 saret bejn il-konvenuti bl-assistenza ta' Dr. Joseph Cassar Galea li kien ir-rappreżentant u l-konsulent legali ta' l-assikurazzjoni tat-*Taxi*. L-attur ma ħax parti f'din l-iskrittura u għalhekk ma tista' bl-ebda mod tippreġudika l-posizzjoni tiegħu kontra wieħed jew ieħor mill-konvenuti. Inoltre ma tbiddel xejn dwar il-posizzjoni legali ta' l-istess Pace kemm-il darba jirriżulta li l-istess Pace kien *jaf li Galea kellu l-użu tat-Taxi;*

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u konsegwentement tiddikjarahom unikament u solidalment responsabbli għad-danni sofferti mill-attur fl-inċident tat-23 ta' Mejju 1980, tillikwida l-istess danni fl-ammont ta' ħdax-il elf u dsatax-il lira Maltija, u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm11,019.46) u tikkundanna lill-konvenuti solidalment iħallsu lill-attur is-somma hekk illikwidata in linea ta' danni u dana bl-imgħax mil-lum stess;

L-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.